

— tordna ż-żamma fis-seħħ tar-regolament ikkontestat sakemm il-Kunsill ikun adotta l-miżuri neċessarji sabiex jeżegwixxi s-sentenza tal-Qorti Ġenerali abbażi tal-Artikolu 264 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u

— tikkundanna lill-konvenut u kwalunkwe parti oħra intervenjenti għall-ispejjeż tar-rikorrenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

- (1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni billi biddel il-metodoloġija segwita għad-determinazzjoni tal-valur normali fil-pajjiż analogu mingħajr ġustifikazzjoni legalment suffiċjenti għall-bidla fiċ-ċirkustanzi u, minħabba dan, kiser l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku antidumping.
- (2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni billi ma ħax inkunsiderazzjoni l-prezzijiet tal-bejgħ effettivi fis-suq intern tal-pajjiż analogu u uża b'mod żbaljat il-valuri ddeterminati, bi ksur tal-Artikolu 2(1), (2) u (7)(a) u (b) tar-Regolament bażiku antidumping.
- (3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut wettaq żball ta' evalwazzjoni billi uża l-prezz tal-benżen kif inhu fl-Istati Uniti u fl-Ewropa tal-Punent minflok uża l-ispiża effettiva tal-materja prima fil-pajjiż ta' produzzjoni, bi ksur tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku antidumping u, għalhekk, ikkalkula valur żbaljat għall-valur normali użat fil-kuntest tar-reviżjoni.
- (4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut wettaq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni billi ġew żnaturati l-ispejjeż ta' produzzjoni fil-kalkolu tal-valur normali ddeterminat u billi ġew użati l-ispejjeż tal-materja prima li ma kinux ekwivalenti, bi ksur tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku antidumping.
- (5) Il-ħames motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenut u l-Kummissjoni Ewropea kiseru d-drittijiet ta' difiża tar-rikorrenti billi naqsu milli jagħtuhom aċċess għall-informazzjoni neċessarja sabiex ikunu f'pożizzjoni li jifhemu l-metodu użat sabiex jiġi ddeterminat il-valur normali, u naqsu milli jagħtuhom spjegazzjoni adegwata fuq l-elementi essenzjali dwar il-kalkolu tal-valur normali tal-pajjiż analogu u dwar il-marġini ta' dumping korrispondenti li ġew użati, b'tali mod li ġie vvizzjat ir-Regolament ikkontestat.

(<sup>1</sup>) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 626/2012, tas-26 ta' Ġunju 2012, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 349/2012 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 182, p. 1).

(<sup>2</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51), kif emendat.

### Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2012 — VTZ et vs Il-Kunsill

(Kawża T-432/12)

(2012/C 366/77)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

**Rikorrenti:** Volžskij trubnyi zavod OAO (VTZ OAO) (Volzhsky, ir-Russja); Taganrogskij metallurġičeskij zavod OAO (Tagmet OAO) (Taganrog, ir-Russja); Sinarskij trubnyi zavod OAO (SinTZ OAO) (Kamensk-Uralsky, ir-Russja) u Severskij trubnyj zavod OAO (STZ OAO) (Polevskoy, ir-Russja) (rappreżentanti: J.-F. Bellis, F. Di Gianni, G. Coppo u C. Van Hemelrijck, avukati)

**Konvenut:** Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropa

### Talbiet

— tannulla, sa fejn ir-rikorrenti huma kkonċernati, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 585/2012, tas-26 ta' Ġunju 2012, li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Russja u l-Ukraina, wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, u li jtemm il-proċediment ta' reviżjoni ta' skadenza dwar l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mill-Kroazja (ĠU L 174, p. 5), u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

- (1) Permezz tal-ewwel motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li, billi akkumula l-importazzjonijiet mir-Russja ma' dawk mill-Ukraina, il-Kunsill wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti, kiser l-Artikolu 3(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (<sup>1</sup>) (iktar 'il quddiem ir-"regolament bażiku") u kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.
- (2) Permezz tat-tieni motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li, billi kkonkluda li t-tħassir tal-miżuri jista' jwassal għal okkorrenza mill-ġdid tad-dannu, il-Kunsill kiser il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti, u, għaldaqstant, kiser l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.
- (3) Permezz tat-tielet motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill kiser l-Artikoli 9(4) u 21 tar-regolament bażiku u l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament billi wettaq żball manifest ta' evalwazzjoni f'dak li jikkonċerna l-analiżi tal-interess tal-Unjoni.

(4) Permezz tar-raba' motiv tagħhom, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kunsill kiser, il-prinċipju ta' amminstrazzjoni tajba u d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti, billi naqas milli jeżamina l-argumenti mressqa mir-rikorrenti matul l-investigazzjoni u billi naqas milli jikkomunika lir-rikorrenti l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li jikkonċernaw il-kawża, l-obbligu ta' motivazzjoni, u l-prinċipju ta' amminstrazzjoni tajba u d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti peress li huwa pprova lill-Istati Membri b'informazzjoni dwar il-kawża qabel ma rċieva kummenti mir-rikorrenti u peress li huwa kkonsulta lill-Kumitat Konsultattiv ta' Kontra d-Dumping qabel ma nstemgħu r-rikorrenti.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51), kif emendat.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2012 — Steiff vs UASI (Buttuna tal-metall imwahnha f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' animal)**

(Kawża T-433/12)

(2012/C 366/78)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Margarete Steiff GmbH (Giengen an der Brenz, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Fissl, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-23 ta' Lulju 2012, fil-Każ R 1693/2011-1;

— tannulla ċ-ċaħda mill-UASI tal-Applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 9 439 613;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark ta' pożizzjoni, li permezz tagħha tingħata protezzjoni bħala trade mark fir-rigward ta' buttuna tonda tal-metall li tleqq jew matta, li tinsab fil-parti tan-nofs tal-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' animal, għal prodotti fil-klassi 28 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 9 439 613

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Settembru 2012 — Steiff vs UASI (Tikketta mwahnha permezz ta' buttuna tal-metall f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' animal)**

(Kawża T-434/12)

(2012/C 366/79)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Margarete Steiff GmbH (Giengen an der Brenz, il-Ġermanja) (rappreżentant: D. Fissl avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-19 ta' Lulju 2012, fil-Każ R 1692/2011-1;

— tannulla ċ-ċaħda mill-UASI tal-Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 9 439 654;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* trade mark ta' pożizzjoni li permezz tagħha tingħata protezzjoni bħala trade mark fir-rigward ta' tikketta tawwalija ta' materjal tat-tessut, imwahnha f'nofs il-widna ta' ġugarell artab fil-forma ta' animal permezz ta' buttuna tonda tal-metall, li tleqq jew matta, fir-rigward ta' prodotti fil-klassi 28 — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark Komunitarja Nru 9 439 654

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2012 — Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill**

(Kawża T-442/12)

(2012/C 366/80)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd (Changzhou, iċ-Ċina) (rappreżentanti: E. Vermulst u S. Van Cutsem, avukati)